32005D0949

L 345/28 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 28.12.2005

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta' Diċembru 2005

## dwar l-issoktar fis-sena 2006 ta' provi u testijiet komparattivi tal-Komunità ta' materjal ta' propagazzjoni u tħawwil ta' Prunus domestica u ta' Prunus persica (L.) Batsch, Malus Mill. u Rubus idaeus L. skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE li ngħataw bidu fl-2002, fl-2003 u fl-2004

(2005/949/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE tat-28 ta' April 1992 dwar *il-marketing* tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott [1],

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/896/KE tat-12 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi l-arranġamenti tal-provi u testijiet komparattivi tal-Komunità fuq il-materjali tat-tkabbir u tat-tħawwil tal-pjanti tal-frott taħt id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/745/KE tal-5 ta' Settembru 2002 li tistabbilixxi l-arranġamenti għal provi u testijiet komparattivi Komunitarji fuq materjal ta' propagazzjoni u materjal ta' taħwil ta' pjanti tal-frott taħt id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/894/KE tal-11 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u t-testijiet komparattivi tal-Komunità fuq il-materjal propogattiv u tat-tħawwil ta' *Prunus persica* (L.) Batsch, *Malus* Mill. u *Rubus idaeus* L taħt id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2001/896/KE tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u għat-testijiet komparattivi li għandhom jitwettqu skond id-Direttiva 92/34/KEE rigward il-*Prunus domestica* mill-2002 sa' l-2006.

(2) It-testijiet u l-provi mwettqa mill-2002 sa l-2005 għandhom jissoktaw fl-2006.

(3) Id-Deċiżjoni 2002/745/KE tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u t-testijiet komparattivi li għandhom jitwettqu skond id-Direttiva 92/34/KEE fir-rigward ta' *Prunus domestica* mill-2003 sa l-2007.

(4) It-testijiet u l-provi mwettqa mill-2003 sa l-2005 għandhom jissoktaw fl-2006.

(5) Id-Deċiżjoni 2003/894/KE tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u t-testijiet komparattivi li għandhom jitwettqu skond id-Direttiva 92/34/KEE fir-rigward ta' *Prunus persica* (L.) Batsch, *Malus* Mill. u *Rubus idaeus* L. mill-2004 sa l-2008.

(6) It-testijiet u l-provi mwettqa fl-2004 u l-2005 għandhom jissoktaw fl-2006,

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

Il-provi u t-testijiet komparattivi tal-Komunità mibdija fl-2002 u fl-2003 fuq materjal ta' propagazzjoni u tħawwil ta' *Prunus domestica* għandhom jissoktaw fl-2006 skond id-Deċiżjonijiet 2001/896/KE u 2002/745/KE rispettivament.

[1] ĠU L 157, 10.6.1992, p. 10. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/54/KE (ĠU L 22, 26.1.2005, p. 16).
[2] ĠU L 331, 15.12.2001, p. 95.
[3] ĠU L 240, 7.9.2002, p. 65.
[4] ĠU L 333, 20.12.2003, p. 88.

Il-provi u t-testijiet komparattivi tal-Komunità li bdew fl-2004 fuq il-materjal ta' propagazzjoni u tħawwil ta' *Prunus persica* (L.) Batsch, *Malus* Mill. u *Rubus idaeus* L għandhom jissoktaw fl-2006 skond id-Deċiżjoni 2003/894/KE.

Magħmul fi Brussell, nhar it-23 ta' Diċembru 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*